# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 59

It-Tlieta 21ta’ Frar 2012 fis-4.45pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar, fis-4.45p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu preżenti s-Sindku, w l-Kunsillieri, Vincent Farrugia, Peter Buontempo u Mario Camenzuli. L-Kunsillier Raymond Azzopardi u Valerie Borg kienu skuzati u l-Viċi Sindku kien ma jiflaħx.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

- Is-Sindku nforma li din il-Laqgħa saret biex jiġu approvati l-Financial Statements tas-sena 2011. L-Accountants Grant Thorton taw spjegazzjoni ta' kif intefqet l-allokazzjoni finanzjarja. Nforma li fis-sena 2011 min Ġunju 2011 saru ħafna pagamenti ta' kontijiet antiki w dan deher ċar fil-cash flow. Fl-aħħar ta' l-ispjegazzjoni dettaljata l-financial statements ta' 2011 ġew iffirmati mis-Sindku w s-Segretarja.

- Is-Sindku nforma li ser jinħareg it-tender tar-Railings. Dan ser jinħareg peress li l-Kunsill rċieva għajnuna finanżjarja mid-departiment pero xorta hemm bżonn allokazzjoni mill-budget tal-Kunsill. It-tender document ġie ppreparat mill-Perit Robert Musumeci li huwa l-perit tal-Kunsill. Id-dokument ġie ppreżentat waqt il-laqgħa u ser ikun available biex il-kunsillieri jkunu jistgħu duruh sal-Ġimgħa 24 ta' Frar 2012 biex imbgħat is-segretarja tkun tista tinforma lid-dipartiment biex jinħareg l-avviz fuq l-Independent u l-Gazzetta tal-Gvern.

- Is-Sindku nforma li ser jinħarġu l-applikazzjonijiet biex tfal tal-Belt jkunu jistgħu jitħargu fil-volleyball. Fondi li ġew allokatti mid-departiment tal-Gvern Lokali.

**AMMINISTRAZZJONI**

- Is-Segretarja nfurmat li peress li s-sejħa ma' l-ETC għal *Town Centre Manager* kienet ser tagħlaq kellu jigi ffurmat board l-għazla. Sar qbil li l-Board ta'L-Għażla kien ser ikun iffurmat min Dr Alexiei Dingli, Peter Buontempo u Raymond Azzopardi, u l-Interviews kienu ser isiru nhar it-Tlieta 29 ta' Frar 2012.

**TMIEM**

Fil-6.00pm intemmet is-Seduta.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku